MINUTI

Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb

Laqgha Nru. 54

Data: 20 ta' Gunju 2023

Hin: 10.09am

Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-

David Apap Agius	*Sindku*
Louis Apap	*Vici Sindku*
Tonio Mifsud	*Kunsillier*
Joseph Mizzi	*Kunsillier*
Miriam Borg	*Kunsillier*
Emily Amatulli-Depasquale	*Segretarju Ezekuttiv*

AGENDA

54.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

54.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

54.5 Korrispondenza u Rapporti;

54.6 Festa Gharb 2023;

54.7 Jum l-Gharb;

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

54.8 Attivitajiet;

54.9 Progetti u xogholijiet;

54.10 Skeda ta' Pagamenti;

54.11 Materji ohra;

54.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

54.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

51.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 Kompliet il-laqgha.

54.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

54.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet tal-Kunsilliera.

54.5 Korrispondenza u Rapporti

54.5.1 Ma kinex hemm korrispondenza.

54.6 Festa Gharb 2023

54.6.1 Is-Sindku qal li kienu qed isiru l-preparamenti mehtiega ghall-Infiorata tal-festa sabiex tkun tista' ssir il-Hadd tal-festa. Id-disinn sar minn Michael Bajada u l-Kunsill qieghed fil-process li jordna l-fjuri.

54.6.2 Fir-rigward tal-Permessi tal-festa kienet saret l-applikazzjoni bhal kull sena min-naha tal-Knisja.

54.6.3 Fir-rigward tat-tindif dan kif qabel il-Kunsill kien hemm il-kuntrattur li ser inaddaf kollox wara l-marcijiet u l-attivitajiet.

54.6.4 Il-Kunsill qed johrog ukoll il-permessi relatati mall-kioks tal-festa.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

54.6.5 l-Invit ghall-quddiesa tal-Paningirku kien ghadu ma wasalx pero' hekk kif jasal ser jiġu infurmati l-Kunsilliera.

54.6.6 Il-Kunsill gie infurmat ukoll li kien hemm invit mill-qassis il-gdid Fr. Matthew Bajada fejn il-Kunsilliera kienu mistiedna. Is-Sindku talab sabiex dawk interessati ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku, l-Vici Sindku, Tonio Mifsud u Joseph Mizzi ikkonfermaw l-attendenza taghhom.

54.7 Jum l-Gharb

54.7.1 Is-Sindku qal li din is-sena l-gurnata ta' Jum l-Gharb ser tkun it-Tlieta u ghalqdastant huma ppropona li din ssir fil-weekend ta' wara jigfieri bejn 1 u 3 ta' Settembru peress li ser tkun fost il-gimgha u apparti minnhekk huwa ser ikun imsiefer. Il-Kunsill iddiskuta meta l-ahjar li ssir u qabel unanimament li ssir fit-2 ta' Settembru, 2023. Il-program ser ikun qed jigi diskuss aktar il-quddiem pero' l-Kunsill qabel li ghandu jsir l-avviz ghan-nomini u jintbghatu l-ittri bhal kull sena.

54.8 Attivitajiet

54.8.1 Is-Sindku qal li l-kumitat EspressjonArti ser imur Noto fi Sqallija fl-ahhar ta' Lulju fejn ser jippartecipa fil-kungress ta' l-Infiorata li ser isir hemmhekk. Huwa qal li ser ikunu qed itellghu lil min ikun interessat ukoll apparti l-kumitat innifsu. Il-Kunsill ser ikun qed jghin lill-kumitat billi jircievi l-bookings, jigbor il-flus u logistici ohra. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel unanimament.

54.9 Progetti u xogholijiet

54.9.1 Is-Sindku qal li bhalissa ghaddejin ix-xogholijiet finali fi Triq l-Isqof M. Molina u nhar it-Tnejn huwa mahsub li jibda' x-xoghol tal-wicc bit-tarmak. Joseph Mizzi staqsa jekk hux ser issir kisja wahda fejn is-Sindku qal li skond kif ser jiddeciedi l-perit fejn jista' jkun li peress li ser ikun layer ehxen jista' jkun li jinghata go darba u jekk isir hekk it-triq tkun kompluta. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi skond id-direzzjoni tal-perit.

54.9.2 Is-Sindku qal li sadanittant il-Kunsill jista' jibda' jahdem fuq Triq Tumas Cassar. Huwa spjega li go din it-triq trid issir trinka minhabba l-progett tal-panelli fejn il-flus relatati huma spiza extra u trid tithallas mill-Kunsill fejn din tkun minn Triq Frangisk Portelli ghal fejn il-grawnd. Huwa spjega li bhalissa ghaddejin diskussjonijiet ma' l-Enemalta. Miriam Borg staqsiet x'ser jigri dwar il-ftuh tal-parti l-gdida ta' Triq Tumas Cassar peress li f'din iz-zona qed jizdied l-izvilupp u ghaldaqstant it-traffiku. Gie spjegat li din qeghda f'idejn il-Ministeru ghal Ghawdex u huma jridu jiddeciedu dwar il-ftuh ta' din il-parti tat-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda' bil-pjanijiet ghal Triq Tumas Cassar.

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

54.9.3 Is-Sindku qal li issa la darba ghandna il-BOQ dwar il-fazi tax-xoghol ta' pool area il-Kunsill jista' jipprocedi bix-xogholijiet. Sabiex jithaffef ix-xoghol ser jingabru kwotazzjonijiet skond ix-xoghol.

54.9.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasal il-*playing field equipment* minn barra u li fil-jiem li gejjin kien ser jigi installat fil-post. Dan huwa xoghol relatat u finanzjat mill-iskema tat-titjib tal-*playingfield* mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

54.9.5 Xogholijiet ohra relatati mat-toroq hemm dawk dwar il-progett taht il-Mizura 4.3. Is-Sindku qal li ser jigi ffirmat il-kuntratt liema kuntratt ser ikun inqas minn dak originarjament applikat. Gie innotat li ser isiru zewg toroq u ser jibqa' *savings* li l-probabilita' dawn jergghu jingabru lura mill-fond rurali. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffirmat il-kuntratt.

54.10 Skeda ta' Pagamenti

54.10.1 L-iskeda tal-Pagamenti gie approvata.

54.11 Materji ohra

54.11.1 Is-Sindku qal li fil-prezent qed isir iz-zebgha fit-toroq madwar il-lokalita'. Is-Sindku issugerixxa sabiex jitpoggew sinjali bhal 'parking within the lines' sabiex jigi evitat periklu. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li ghandhom jehlu sinjali.

54.11.2 Fir-rigward ta' Triq l-Isqof M. Molina l-Kunsill qabel li l-parkings u sinjali sofor ghandhom jibqghu l-istess bhal qabel.

54.11.3 Is-Sindku issugerixxa sabiex jigu imwahhla ukoll tabelli ta' *speed limit* biex titnaqqas il-velocita' fit-toroq. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.11.4 Is-Sindku ssuggerixxa ukoll li ma' genb il-knisja fejn ic-Centru ghandu jkun hemm gwardjan minhabba t-traffiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.11.5 Tonio Mifsud qabel li b'referenza ghas-siggijiet ghall-Ghaqda tal-Brilli sar jaf li hemm siggijiet li huma *folding* u jehlu mall-hajt. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel li Tonio Mifsud ghandu jghaddi l-informazzjoni ta' minn fejn jinxtraw halli tintalab kwotazzjoni.

54.11.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bord ghall-evalwazzjoni ta' l-offerti tal-AMPPA u tal-Smart Parking fejn qabel li jkun hemm Miriam Borg Chairman, David Apap Sindku, Franklin Farrugia u Andrew Brooke bhala evalwaturi ghall-progett AMPPA u ta' l-Ismart Parking Miriam Borg Chairman, David Apap, Franklin Farrugia u Mark Causon evalwaturi. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

54.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju, 2023 at 9.00am.

54.12.2 Il-laqgha spiccat fl-10.31am

Konfermati minn

IFFIRMATA
David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv